MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JOSEPH CASSAR**

Seduta tat-18 ta' Novembru, 2004

Numru 590/1999

**Il-Pulizija**
(Spettur Angelo Caruana)
**vs**
**Roger Attard**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Roger Attard ta'31 sena bin Joseph u Mary nee' Camilleri, mwieled San Giljan fit-12 ta' Gunju 1973 u li joqghod f'St. Mary Flats, Flat no 4, Triq il-Lampara, Bahar ic-Caghaq. Detentur tal-karta ta' l-identita bin-numru 281473(M).

Talli:-

a) F'Bahar ic-Caghaq, fl-24 t'Awwissu 1997 ghall-habta tat-3.00 p.m. volontarjament hassar, ghamel

hsara jew ghararq hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli u cioe’ hsarat fl-aperturi tar-residenza “Garden Court” Flat 1, sitwata fi Triq il-Lampara, liema hsara tammonta ghal-aktar minn hamsin lira Maltin (LM50) u li ma tiskorrix il-hames mitt lira Maltin (LM500) u li saret ghad-detriment ta’ Tony Galea De Marco minn Bahar ic-Caghaq.

b) F’Bahar ic-caghaq, fid-29 ta’ Awwissu 1999 ghall-habta tal-05.30pm volontarjament hassar, ghamel hsara jew ghararq hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli u cioe’ b’permezz ta’ arma tan-nar (senter) spara tiri fid-direzzjoni tar-residenza ‘Garden Court’ Flat 1, sitwata fi Triq il-Lampara u kkaguna hsara fl-aperturi u bnadi ohra ta’ l-istess residenza, liema hsara tammonta ghal aktar minn hames mitt lira Maltin (Lm 500) u li saret ghad-detriment ta’ Tony Galea De Marco minn Bahar ic-Caghaq.

c) U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi u fi bnadi ohra f’dawn il-gzejjer, gar arma tan-nar (senter) u munizzjon, u talli kellu fil-pussess tieghu jew kontroll tieghu, jew f’idejh jew fuqu xi arma tan-nar jew munizzjon barra minn fond jew post li jaghmel mieghu minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija w dan bi ksur ta’ l-artikoli 3 (1) (1A) tal-Kapitolu 66 tal-ligijiet ta’ Malta.

d) Talli fl-istess data, hin, lok, u cirkostanzi spara arma tan-nar (senter) f’post pubbliku b’periklu ghan-nies.

e) Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi filwaqt li kien qed jaghmel delitt ta’ hsara lil-propjeta kellu fuq il-persuna tieghu arma tan-nar (senter) u dan bi ksur ta’ l-artikolu 26 (a) tal-Kapitolu 66 tal-Ligijiet ta’ Malta.

f) U aktar talli fl-istess data, lok, hin, u cirkostanzi b’permezz ta’ arma tan-nar (senter) hedded lil konjugi Richard u Jackie Magri billi pponta l-istess arma tan-nar fid-direzzjoni taghhom.

Rat in-nota ta’ l-Avukat Generali.

Rat li l-akkuzat ma oggezzjonax li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Semghet it-trattazzjoni tad-difiza u tal-prosekuzzjoni.

Ikkunsidrat,

Mill istqarrija maghmula mill-akkuzat skond il-ligi jirrizulta li:-

1). “Darba …………mort quddiem il-flat ta’ Tony (Galea DeMarco), qbadt zewg gebliet mit-triq u waddabthom ghall-gallarija. Meta ghamilt dan l-att jiena kont naf li f’dan il-fond ma hemm hadt. Jiena ma riedt inwegga lill-hadd. Meta waddabt il-gebel kont kissirtlu il-hgieg ta’ barra li ghandu mal-gallarija.”

2). Wara l-incident imsemmi ghadda hafna zmien u fid-29 t’Awwissu 1999, fil-festa ta’ San Bert ta’ Hal Gharghur u f’xi hin wara nofs inhar mort lura d-dar………………Jiena kont naf li fil-fatt dak il-hin fid-dar ta’ dan Tony li joqghod zewg bibien l-isfel ma kien hemm hadd. Dan kont nafu peress li thaddit mat-tifel tieghu. Jiena lit-tifel tieghu ma heddiddthux u ma semmejtlu l-ebda armi. Wara li telaq it-tifel ta’ Tony jiena mort gibt is-senter tieghi li kien merfugh fil-vetrina ghand ommi, dahhaltlu l-iskratcc, kemm ezatt ma niftakarx u mort nispara lejn il-gallerija ta’ Tony. L-intenzjoni tieghi ma kienetx li nwegga lil xi hadd pero’ li nkissirlu l-gallarija” (fol 20-21).

3). Mill-istess stqarrija jirrizulta li l-imputat kien qieghed jissusspetta li martu kienet qed tigi ittantata minn Galaea De Marco. Haga li baqghet sejra zmien. Jghid wkoll li martu qaltlu li darba kellha x’taqsam ma l-istess bniedem. Meta gara t-tieni incident msemmi fl-istqarrija kellu tarbija ftit xhur qabel u beza li l-familja tieghu kienet ser tintemm. Galea De Marco jammetti li gieli kellem mart l-akkuzat u

darba dahhalha f'daru biex tiehu kafe', imma jishaqq li qatt ma kellu x'jaqsam maghha. Fil-festa, l-imputat, jghid li xi hadd qallu xi kelma fuq Galea De Marco.

4).Xehdu wkoll Richard u Jackie Magri. Din ta' l-ahhar rat lill-akkuzat diehel id-dar b'senter. Qam argument bejn Richard Magri u l-akkuzat dwar x'kien qed jigri. L-akkuzat hareg bis-senter u beda jghidilhom biex jinzlu. Ta' nies kwieti dahlu gewwa. Binthom zghira kienet twerwwret. Ma jirrizultax, imma li f'xi hin l-akkuzat ippunta s-senter fuqhom, dan minn dak li xehdu quddiem il-Qorti. Lilu hafrulu u insew kollox. Qatt ma kellhom xi jghidu mieghu qabel u lanqas hu.

5) L-akkuzat ma kellhux permess biex johrog l-arma mid-dar. Din wara dak li gara instabet fid-dar t'ommu li meta gara l-incident ghamlet li setghet biex tikkalma lil-binha.

6) Neil Galea De Marco xehed x'qallu l-akkuzat ftiet hin qabel ma sehhet l-isparatura. Ried joqtol lil-missieru u diskors bhal dan (fol 57). Hu telaq ma l-gharusa u ghal habta tas-7.30pm/8.00pm mar lura u sab il-pulizija diga fuq il-post.

7) Lill-Brigadier Maurice Calleja u PC 560 Joseph Farrugia irrizultalhom li gew sparati sitt tiri minn senter tad-ditta 'Luigi Franchi' li hu 'semi-automatic'. Is-senter jiehu hames skratacc fil-magazine u wiehed fic-'chamber'. Ezaminaw l-iskratacc li kienu instabu ma' cintorin fid-dar ta' omm l-akkuzat u ir-rizultat kien pozittiv.

8) Skond l-Ispizjar Mario Mifsud fuq l-akkuzat instabu fdalijiet ta' porvli u ohrajn instabu fuq il-hwejjeg li qabel kienu fuqu.

9) Il-hsara fil-fond ta' Galea De Marco giet stmata mill-Perit Richard Aquilina fl-ammont ta' mitejn u tmienja u tmenin lira Maltija (LM 288) –hsara kawzata minn tiri.

10) Ghalhekk jirrizulta li l-akkuzat fil-24 t'Awwissu 1997 ghal-habta tat-3.00pm volontarjament kisser hgieg f'gallerija billi tefa' xi gebel. L-ammont tal-hsara mhux maghruf u sar biss rapport u daqshekk. Jirrizulta ukoll li fid-29 t' Awwissu 1999 l-akkuzat ghamel hsara billi spara tiri ta' senter fit-triq, fi propjeta privata fl-

ammont ta’ mitejn u tmienja u tmenin (LM288) lira. Ma kellhux permess li johrog is-senter barra mid-dar imma li jzommu d-dar biss. Is-senter u c-cinturin bl-iskratacc instab ghand omm l-akkuzat. Jirrizulta fl-ahharnett li l-akkuzat rega’ hareg mid-dar b’senter f’idejh u hedded bi kliem lil-konjugi Magri.

11) Ghal dak li gara fl-24 t’Awwissu 1997 l-Qorti ma tafx x’kien l-ammont tal-hsara u ghalhekk tistrieh fuq l-artikolu 325(d) li jitlob li ssir kwerela li f’dan il-kaz ma saritx u hekk ma ssibx l-akkuzat hati f’dan ir-rigward.

12) L-akkuzi l-ohra msemmija fil-paragrafu ta’ din is-sentenza jirrizultaw u ssib lill-akkuzat hati taghhom.

Rat l-artikolu 325(b u 17(h) tal-kapitlu 9 u l-artikolu 3(1)(1A) u 26 tal-kapitlu 66.

Rat wkoll l-artikolu 28A u ser tapplikah billi l-akkuzat seta kien b’xi mod provokat u aktarx kien fis-sakra billi kienet il-festa tar-rahal. Tittama li jintem l-inkwiet fil-familji.

Tikkundanna lill-akkuzat ghal-sentejn habs liema sentenza m’ghandiex tidhol fis-sehh hlief jekk l-akkuzat jaghmel reat iehor fi zmien sentejn minn illum.

Rat l-artiklu 28(H) u tordna lill-hati li jhallas l-ammont ta’ mitejn u tmienja u tmenin lira (LM 288) fuq imsemmija lil-persuna diga imsemmija li saritilha l-hsara. Dwar dan il-Qorti tirrakkomanda li jsir xi ftehim bejn l-avukati tal-partijiet b’mod li kollox jerggha jigi ghan-normal.
Rat it-talba tal-prosekuzzjoni a tenur ta’ l-artklu 533, tilqaghha u tordna lill-hati li jhallas l-ispejjez tal-perizzji fi zmien sitt (6) xhur minn illum, jekk irid jaqsam fi hlas li jsir kull xahar, basta li f’sitt xhur jithallas kollox.

Tordna l-konfiska ta’ l-arma u tac-cintorin bl-iskratacc li jinsabu go fih.

Il-Qorti qed tfisser lill-hati bi kliem car ir-responsabilta’ tieghu taht il-ligi jekk huwa jikkommetti matul il-perjodu operattiv reat li ghalih hemm piena ta’ prigunerija.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------